# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — MARZU 1947


# *AKKADEMJI LETTERARJI*

*FL-AHHAR ta' dan in-numru ssibu rendikont ta' l-akkademja letterarja li sejħet il-"Għaqda" tagħna f'Diċembru li għadda. Din l-akkademja rnexxiet wisq; fiha nqraw kitbiet fuq ħafna frieghi letterarji, saru kommenti u diskussjonijiet u nittamaw li xi ftit tal-ġid ma naqasx.*

*Nixtieqn li jitlaqqgħu aktar ta' sikwit minn dawn il-laqgħat akkademiċi, għax jekk isiru bil-għaqal, minnhom jista' jitnissel ġid mhux ftit għal-letteratura tagħna u, barra dan, il-kittieba u l-awturi jkunu jistgħu jiltaqgħu flimkien u hekk isiru jafu lil xulxin, jagħarfu aktar wieħed lil ieħor u jifhmu tajjeb ix-xejriet li jqanqluhom fil-kitba tagħhom u ladarba l-kittieba jsiru jafu aktar lil xulxin, huma aktar jistmaw ix-xogħol ta' xulxin u jinġibdu wieħed lejn l-ieħor.*

*Imma biex dawn il-laqgħat akkademiċi jiswew xi ħaġa u mhux jisfgħu bħala wirja ta' foħrija biss, dawk li jieħdu sehem fihom iridu jifhmu li huma jmorru hemm mhux biss biex juru għerfhom jew kemm jafu jiktbu, jew biex jiksbu ċapċip u tifħir biss, iżda biex ilaqqgħu x-xogħlijiet tagħhom ma' ta' ħaddieħor, ixebbhuhom flimkien, iqisuhom ma' xulxin u hekk jagħżlu dak li hu tajjeb, jikxfu dak li hu ħażin jew nieqes mill-ġmiel, ħalli b'hekk jorqmu u jtejbu l-istil tagħhom.*

*Meta wieħed jaqra biċċa xogħol miktuba minnu, jiswielu ħafna jekk issirlu kritika soda u bil-għaqal ta' dak ix-xogħol tiegħu; dan jista' jsir billi dawk li jkunu qegħdin jisimgħu jgħidu x'jidhrilhom, isemmu fejn hu sabiħ u tajjeb, juru dak li minn għalihom hu dgħajjef, jagħżlu bċejjeċ miġbudin bir-reqqa li titlob l-arti, u fuq kollox ifissru l-fehmiet tagħhom u jgħidu għaliex jidhrilhom hekk, bil-ħlewwa kollha li trid il-ħbiberija.*

*Minn diskussjonijiet bħal dawn joħorġu ħafna tagħrif u tagħlim li jiswew biex jifthu għajnejn il-kittieba, għax bosta drabi jiġri li l-kittieb minn rajh ma jagħrafx in-nuqqasijiet tiegħu nnifsu, iżda meta jsib min jiftaħlu għajnejh u jfiehmu bħala ħabib, hu jara fejn u kif jista' jsewwi u jirranġa l-għeltijiet fil-kitba tiegħu.*

*Għax kull kittieb għandu stil għalih innifsu u dak l-istil hu l-espressjoni ta' bosta xejriet u tqanqiliet u ġibdiet moħbija fil-qalb u fir-ruħ ta' min jikteb. Meta Buffon, il-magħruf kittieb Franċiż, kiteb li* "le style est l'homme méme", *ma satax joħroġ b'ħaġa aktar qrib lejn is-sewwa, għax l-istil tal-kitba qisu għelm tal-kittieb. Issa, bħalma l-bniedem, bil-kelma t-tajba, tista' ġġagħlu jbiddel jew jinfatam minn xi ġibdiet mhux xierqa f'għemilu, hekk ukoll b'kelma lieżma u fejjieda, tista' tħajru jsewwi l-istil tiegħu, jonġru u jorqmu ħalli jgħollih, jerfgħu u jgħaddih għall-aħjar.*

*Iżda biex iseħħ dan li għedna, jinħtieġu żewġ ħwejjeġ: l-ewwelnett jinħtieġ li l-kittieb ma jitnaffarx u ma jiżżarġanx, iżda jumilja xi ftit ruħu u joqgħod għal parir tajjeb li jagħtuh ħbieb jew mgħallmin tas-sengħa letterarja. Jekk wieħed flok ma jilqa' bit-tajjeb kelma għall-ġid, jagħdab jew jieħu għalih, juri li ma jridx jiftaħ moħħu u għalhekk ix-xogħol tiegħu jibqa' mdardar u staġnat qisu ilma qiegħed f'għadira.*

*It-tieninett jinħtieġ li dawk li jmorru għal-laqgħat akkademiċi ma jmorrux biss bil-fehma li jmaqdru jew li jsibu x-xagħra fil-għaġina; huma jridu jkollhom rieda tajba u qalb ħanina, għandhom jagħdru xi nuqqasijiet u jagħalqu għajnejhom għal xi żball żgħir jew xi ntietef ħfief, għandhom jiftakru li biex wieħed jikteb xi ħaġa jrid jaħli żmien u ħsieb mhux ftit u għal daqshekk ħaqqu min ifaħħru jew għallinqas ħaqqu min jafhulu għax-xogħol li joħroġ. Min-naħa l-oħra dawk li jieħdu sehem f'akkademji letterarji ma għandhomx jinfexxu f'ċapċip u f'tifħir bla raj u hekk lill-awtur jimlewlu rasu li hu jiswa aktar milli tassew ħaqqu.*

*Il-kritika trid tkun tal-ħaqq bla ma twaġġa' l-qalb bit-tmaqdir iebes u bla ma tieħu r-ras bit-tifħir fieragħ.*

*Jekk iżommu f'rashom dan li għedna, dawk li jmorru għall-akkademji letterarji mhux biss igħaddu sagħtejn ta' hena u ta' fejda, iżda jkunu qegħdin igħinu biex jagħmlu l-ħila lil bosta kittieba li ħafna minnhom jieħdu l-ewwel xejra u jitħajru jippubblikaw l-opri tagħhom, wara li jmorru għal-laqgħat akkademiċi li jekk isiru kif imisshom isiru, jisfgħu ta' ġid kbir lil-letteratura nazzjonali.*